Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 24/2016

**Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Carmel Camilleri**

**Vs**

**David Cassar**

22 ta' Settembru, 2017.

1. B'decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tal-24 ta' Awissu, 2016 giet michuda t-talba u rikonvenzjoni tal-kontendenti li kienu relatati mal-incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Gunju 2006 f'Misrah tal-Mina tal-Griegi, Mdina. L-incident sehh bejn fire engine Iveco (GVH 547) li kien qieghed isuq David Cassar u VW Polo Classic (CBJ-928) li kien qieghed isuq Carmel Camilleri. It-Tribunal iddecieda li hadd mill-partijiet ma rnexxielu jaghti prova li l-incident sehh tort tal-parti l-ohra.

2. L-attrici appellat mid-decizjoni, filwaqt li l-konvenut ippropona appell incidentali. Ovvjament kull parti qeghda ssostni li l-incident sehh tort tal-kontroparti. L-attrici ssostni li kienet il-*fire engine* li nvadiet il-karreggata minn fejn kienet ghaddejja l-vettura CBJ 928. Il-verzjoni ta' Carmel Camilleri hi li fil-mument tal-impatt, il-vettura tieghu kienet wieqfa. Min-naha l-ohra l-konvenut isostni li kien Carmel Camilleri li nvada l-karreggata li kienet ghaddejja minnha l-*fire engine*.

3. Il-qorti ma tistax tonqos milli tosserva il-mod dilettantesk li bih sar l-iskizz mill-ufficjal tal-pulizija li nvestigat il-kaz, u li mhuwiex skalat. Kieku tkejlu l-wisa' tal-*brake marks* ma kienx ikun hemm dubju dwar ta' liema vettura huma.

4. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva kif:
   i. Il-verzjoni li taw iz-zewg xufiera huma dijametrikament opposti ghal xulxin. Filwaqt li Camilleri rrakkonta li *"the fire engine was in the wrong side"*, il-konvenut qal, *"He was on his side"* (ara *road accident report).*

   ii. Skont l-iskizz, il-*brake marks* huma tal-*fire engine*. Dan peress li l-kelma *'impact'* inkitbet ftit iktar l-isfel fejn jidhru l-*brake marks*. Pero' jekk il-brake marks huma tal-*fire engine*, l-*ispot of impact* suppost kien iktar lejn in-naha tax-xellug milli fejn gie muri fl-iskizz. Dan meta tqies li l-hsara fil-*fire engine* kienet fuq in-naha tax-xellug, meta thares lejn

il-faccata taghha. Carmel Camilleri stess xehed: *"Jiena ma qbiltx mal-ispot of impact indikat mill-pulizija fl-iskizz"*.

iii. Irrizulta li l-*fire engine* huwa tat-tip *double wheel* (fuq wara). Il-marki li saru fl-iskizz li juru l-*brake marks* ma jatux wiehed x'jifhem li dawk huma *brake marks* ta' trukk *double wheel*.

iv. Fl-iskizz il-hsara fil-vettura ta' Camilleri giet murija li principalment saret fil-gemb tal-faccata ta' quddiem, fuq in-naha tax-xufier. Dan hu korraborat mis-*survey report* u invoice ta' Mizzi Automotive Services Ltd, fejn jissemmew il-mudguard, lampa, indicator ta' quddiem tan-naha tal-lemin.

v. L-iskizz mhuwiex skalat. Dan iwassal sabiex per ezempju ma jkunx maghruf x'inhu l-wisa' tal-*brake marks* u l-wisa' tat-triq.

vi. L-ufficjal tal-pulizija li nvestigat l-incident ma jirrizultax li xehedet.

vii. Il-verzjoni li ta David Cassar hi korraborata mill-kollegi tieghu li kienu rekbin fil-*fire engine* (Saviour James Vella, Joseph Zammit), ghalkemm:-

- Saviour James Vella xehed: *"Kien qed isuq David Cassar, nilmah karozza gejja ghal go fina, lil Cassar ghidtlu 'arem dan ghal fo fina'.* ***Hu beda iwaqqaf izda vettura kbira ma twaqqafhiex mal-ewwel"***.
- Pero' l-konvenut xehed li fil-mument tal-impatt, il-*fire engine* kienet wieqfa. F'dan ir-rigward Joseph Zammit qal: *"Waqt li konna ghaddejjin fit-triq ta' madwar l-Mdina f'daqqa wahda d-driver David Cassar ibbrekja u qalilna 'dan ghal go fina'.* ***Konna weqfin u stennejnih jidhol go fina****"*.

viii. Il-verzjoni li ta l-attur mhi korraborata minn ebda xhud, għalkemm hemm l-iskizz li sar mill-pulizija li nvestigat il-kaz.

ix. Il-qorti mhijiex konvinta li dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident setghu jghaddu l-*fire engine* (ara ritratti taghha) u l-vettura ta' Camilleri minn ma' gemb xulxin.

5. Il-qorti hi tal-fehma li hemm kunflitt totali ta' provi. Kull verzjoni tista' tkun il-verita. Bhall-Arbitru din il-qorti mhijiex f'posizzjoni tikkonkludi liema verzjoni hi, fuq bilanc ta' probabbilta, il-vera. Ghalhekk it-Tribunal tal-Arbitragg kien gustifikat li jichad it-talbiet rispettivi tal-partijiet, *"minhabba nuqqas ta' prova konvincenti fir-rigward tat-tnejn li huma"*.

6. L-attrici ghamlet riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti, **Elmo Insurance Agency Limited nomine vs Carmel Vella Clark** tat-22 ta' Novembru, 2002 li fiha saret riferenza ghas-sentenza **John Galdes vs Victor Micallef**, Appell tal-20 ta' Jannar 1964 fejn intqal: *"It is a sound rule that when the case is such that the blame cannot be apportioned, the liability should be apportioned equally"*. L-attrici qalet li fl-ewwel sentenza, din il-qorti *"... sostniet li meta l-htija ma tkunx tista' tigi attribwita b'certezza, ir-responsabbilta ghandha tinqasam bejn il-partijiet fi kwoti indaqs bejniethom"*. Ghalhekk l-attrici ssostni li fejn ma jkunx jista' jigi determinat tort ta' min sehh l-incident, ir-responsabbilta ghandha tinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Pero' dak kien kaz fejn il-qorti kkonkludiet li parti kellha htija u kien hemm htija kontributorja tal-parti l-ohra. Ix-xenarju li ghandna fil-kaz in ezami hu ghal kollox differenti, in kwantu t-Tribunal tal-Arbitragg ikkonkluda li hadd mill-partijiet ma pprova li l-incident sehh tort tal-parti l-ohra. Il-qorti taqbel mal-konkluzjoni tat-Tribunal. B'daqshekk ma jfissirx li l-konkluzjoni ghandha tkun li z-zewg partijiet huma responsabbli ghall-incident.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u l-appell incidentali. Spejjez tal-appell a karigu tal-attur u spejjez tal-appell incidentali a karigu tal-konvenut.**

Anthony Ellul.